# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

Edizzjoni Nru. 8
Mejju - Ġunju - Lulju 2006

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt






## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonniċi*



### Soċjetà ta' unur għaż-Żurrieq

Is-sena ċentinarja żgur li tibqa' ġġib magħha ħafna tifkiriet sbieħ u nostalġija għaż-Żrieraq devoti ta' Santa Katarina. Mistoqsija li jagħmluli diversi nies tal-midja u oħrajn dilettanti tal-festi li jafu kemm saru festi kbar fis-sena ċentinarja hija kif se jirnexxielna nżommu dan il-pass fil-festi futuri. Kulħadd jaf li s-sena ċentinarja kienet speċjali għax in-nies għamluha hekk bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet varji li saru matul is-sena kollha. Fejn tidħol il-ġimgħa tal-festa, l-problema tas-Soċjetà kienet li ma stajniex insibu spazju kif inkabbru l-festa fuq is-snin ta' qabel. Dan għaliex il-festa ta' Santa Katarina hija kbira dejjem u ffullata tant li ma tħallix spazju għal attività oħra.

Fix-xhur tax-xitwa l-attività fi ħdan is-Soċjetà kienet kbira b'diversi membri u sotto-kumitati mpenjati fuq xogħol marbut mal-festa u mal-każin. Fost ħafna xogħlijiet wieħed jista' jsemmi x-xogħol ta' manutenzjoni u restawr li sar fuq il-planċier sabiex dan ikun fl-aqwa kundizzjoni għall-festi li ser isiru fl-okkażjoni tal-50 sena mill-inawgurazzjoni tiegħu. Fil-fatt il-Kumitat diġà ħa l-inizjattiva sabiex nhar il-Ħamis 26 ta' Awissu 2006 jorganizza programm mużikali li jfakkar il-ħamsin anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku tas-Soċjetà.

Is-sotto-kumitat ta' l-armar huwa wkoll impenjat fuq il-manutenzjoni. Wara li tlesta x-xogħol kollu fuq l-armar ta' Misraħ Repubbklika, issa l-attenzjoni daret fuq dak ta' quddiem il-knisja. Is-sezzjoni nisa wkoll għaddejja b'ħidma kbira fuq xogħol ta' ħjata ta' bnadar u pavaljuni li jżejnu t-toroq taż-Żurrieq fil-festa titulari. U xi ngħidu għas-sezzjoni tan-nar? Bħas-soltu dawn huma miġbura fil-post tan-nar ġewwa Bubaqra fejn qed jippreparaw bil-kbir sabiex jerġgħu ipaxxuna bix-xogħol sabiħ tagħhom. Ta' min jgħid ukoll li bħalissa qiegħed jitkompla x-xogħol ta' tisbiħ fil-bar tal-każin fejn tqiegħdu mirja li jkomplu jsebbħu dan il-post u qiegħed jitkompla s-suffitt u ser tiġi nstallata sistema ta' 'sound' sabiex il-membri jkunu moqdija aħjar. Sa dan it-tant il-Kumitat kompla jsisti sabiex għall-festa ta' din is-sena s-Soċjetà tirregala l-furċini ta' Santa Katarina lill-Knisja. Kif jafu l-membri, dawn il-furċini huma r-rigal tas-Soċjetà għas-sena ċentinarja, iżda dawn ma tlestewx minħabba li x-xogħol li kien sar mill-funderija ma kienx ta' kwalità tajba u ma ġiex aċċettat. Kif tafu, bħalissa qiegħdin jinġabru l-fondi meħtieġa sabiex nifdu din l-ispiża kbira. Għalhekk, kull membru li għadu ma kkontribwixxiex għandu javviċina lili sabiex kulħadd ikun parti mir-rigal tas-Soċjetà lil Santa Katarina.

Hija kontra x-xewqa tiegħi li nispiċċa b'nota negattiva, iżda taqblu miegħi li nkun qed nonqoskom jekk ma nsemmihiex. Kull min irċieva l-aħħar ħarġa taż-'Żurrieq News' żgur li nnota l-elogju sħiħ li sar għall-programm mużikali li l-Banda Queen Victoria għamlet fl-Università fl-okkażjoni tal-140 sena mit-twaqqif tagħha fl-1865. Fih innifsu dan ma fih xejn ħażin għax il-Banda Queen Victoria hija banda Żurriqija. Il-ħażin huwa li l-Kunsill taż-Żurrieq donnu nesa li sena qabel, jiġifieri fl-1864 ġiet imwaqqfa s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina u l-banda ddedikata lill-Qaddisa Patruna tar-raħal. Il-Kunsill taż-Żurrieq qisu nesa wkoll li fis-sena 2004 aħna wkoll fakkarna l-140 anniversarju. U xi ngħidu għaċ-Ċentinarju l-Kbir li fakkarna s-sena l-oħra? Insew ukoll is-Sindku u sħabu li f'din l-okkażjoni l-Banda Santa Katarina wkoll esegwiet programm mużikali u strumentali fit-tejatru ta' l-Università? Jiena ninsab żgur li dawn ma jinsewx, iżda jaqgħu fin-niexef u jkomplu juru biċ-ċar lil kulħadd kemm huma partiġjani u ma jafux xi tfisser ir-responsabbilità politika li daħlu għaliha. Jien dan il-kliem qed ngħidu għall-Kunsilliera kollha għax ir-responsabbilità taqa' fuqhom ilkoll u mhux fuq dawk biss li jiktbu jew li għandhom x'jaqsmu dirett mal-pubblikazzjoni, fosthom is-sindku. Li l-Kunsill immexxi mis-sindku preżenti dejjem kien partiġjan huwa fatt magħruf minn kulħadd, iżda li jaqgħu f'dan il-livell hekk baxx ma stennejtha qatt!



Francesco Zahra, l-Għerusija mistika CA. 1757-58. Pittura li tinsab ġewwa l-Knisja ddedikata lil Santa Katarina V.M. Żurrieq




# BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Farrugia Emanuel | P.R.O. |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Żammit Oliver Mario | Rappreżentant Sezzjoni Nar |


# EDITORJAL

Għeżież qarrejja, waslet edizzjoni oħra tal-Gazzetta tas-Soċjetà, li bħas-soltu mimlija daqs bajda bi nformazzjoni li nispera tkun ta' nteress għalikom, kif turuna mill-kummenti pożittivi tagħkom. Naf li wħud minnkom tkunu qed tistennew dan il-fuljett bil-ħerqa, u għalhekk niskuża ruħi għal xi dewmien li mhux dejjem ikolli kontroll fuqu. Peress li s-Soċjetà tagħna hija mpenjattiva ferm, ċerta nformazzjoni li ma tkunx ikkonfermata ma tkunx tista' tiġi ppubblikata, u għalhekk ikollna nistennew il-konferma mingħand il-kumitat ikkonċernat.

Nixtieq infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta jikkuntattjana, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti jew artikli ta' nteress. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: ***L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.***

Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom u nselli għalikom.

**Lorna Darmanin - Editriċi.**

## Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin (dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

| | | |
|---|---|---|
| 06/05/06 | Filgħaxija | Country Night ġewwa l-Każin. |
| 11/05/06 | 7.00pm | High Tea fil-Każin. |
| 27/05/06 | Filgħaxija | Country Night ġewwa l-Każin. |
| 31/05/06 | 9.00am | Coffee Morning il-Koppla Restaurant. |
| 08/06/06 | 9.00am | Coffee Morning il-Każin. |
| 11/06/06 | 6.30pm | Marċ u programm għall-festa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ |
| 15/06/06 | 7.00pm | High Tea il-Każin. |
| 18/06/06 | 6.30pm | Marċ għall-festa ta' Santa Katarina ġewwa ż-Żejtun |
| 26/06/06 | 8.00pm | Marċ ġewwa Tas-Sliema għall-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuore |
| 29/06/06 | Filgħaxija | BBQ kbir ġewwa l-Garden of Eden |
| 07/07/06 | 9.00pm | Marċ ġewwa Ħal Kirkop għall-festa ta' San Ġużepp |
| 09/07/06 | 7.30pm | Marċ u Programm Ħal Balzan għall-Festa ta' Marija Annunzjata |
| 24/07/06 | 9.00am | Ġurnata ġewwa l-iSplash and Fun Park |

## *Appell lill-Fratelli*

***Infakkru lill-membri tal-Konfraternità tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għall-purċissjonijiet ta' Corpus Christi fit-18 ta' Ġunju 2006, u tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fit-23 ta' Ġunju 2006. Inħeġġu lill-Fratelli biex jieħdu sehem fl-Adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija matul il-jiem tal-Kwaranturi mill-21 sat-23 ta' Ġunju 2006.***






# Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

Kien il-Ħadd 5 ta' Ġunju 1966; (40 sena ilu), Ħadd qabel il-festa ta' Santa Katarina V.M., meta l-istatwa artistika ta' Santa Katarina V.M. kienet ħarġet proċessjonalment fuq iz-zuntier tal-knisja sabiex issir ċerimonja tat-tberik tal-kuruna l-ġdida tad-deheb u titpoġġa fuq ras il-vara titulari fost il-ferħ u l-entużjażmu kbir ta' għadd ta' devoti Żrieraq. Hekk kif ħarġet l-istatwa, ħarġu minnufih il-kleru taż-Żurrieq flimkien ma' l-ex Arċipriet, Mons. Salvatore Gauci. Il-kuruna kienet miżmuma f'idejn iż-Żurrieqi Dottor Carmelo Caruana, devot kbir ta' Santa Katarina V.M. Wara t-tberik tal-kuruna minn Mons. Gauci, din tpoġġiet mill-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Paolo Pace, fost id-daqq ferrieħa tal-qniepen, iċ-ċapċip tad-devoti, ħruq ta' musketteriji u fuq kollox, bis-sehem tal-Banda Santa Katarina V.M.

Fl-1834, il-vara ta' Santa Katarina V.M. diġà kellha kuruna tal-fidda li dak iż-żmien kienet swiet 'il fuq minn 75 skud. Maż-żmien ħafna devoti rregalaw oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż lil Santa Katarina V.M. bħala ringrazzjament tal-grazzji maqlugħa, u l-Arċipriet Pace minn dan id-deheb ordna din il-kuruna prezzjuża. Din il-kuruna, mżejna bid-djamanti b'mod mill-aktar artistiku, nħadmet mid-Ditta Mizzi ta' B'Kara fuq disinn u skultura tas-Sur G.Galea tar-Rabat Malta.

Din il-kuruna tkompli żżid in-nobbiltà u regalità li Marjanu Gerada skolpa b'seher kbir din l-istatwa, li flimkien ma' l-ilbies semi-orjentali u l-mant irjali ddekorat bl-ermellin min-naħa ta' ġewwa jkomplu jagħmlu din il-vara tant eleganti. B'xorti tajba din il-kuruna ma ntmessitx meta fl-1979 il-vara titulari sfat il-mira tal-ħallelin li serqulha d-deheb kollu minbarra l-kuruna.

Fit-8 ta' Ġunju 2005, Santa Katarina V.M. sabet postha fuq sett ta' bolol ta' Malta maħruġin mill-Maltapost, b'4 pitturi li juru xeni minn ħajjet il-qaddisa. Mill-parroċċa taż-Żejtun ntagħżlu l-Martirju tal-Qaddisa, xogħol mill-iskola ta' Caravaggio c.1600, u d-Disputà ta' Santa Katarina V.M. mal-Filosfi ta' Francesco Zahra c.1723 . Mill-parroċċa taż-Żurrieq naraw il-kwadru titulari tal-magħruf pittur Mattia Preti c.1667-71 u l-Għerusija Mistika tal-Qaddisa, xogħol ta' Francesco Zahra c.1757. B'hekk iż-Żurrieq issemma fuq il-bolol permezz tal-Patruna tiegħu Santa Katarina ta' Lixandra fl-okkażjoni tas-17-il ċentinarju mill-martirju u l-glorja tagħha.

Fl-20 ta' Ġunju 2005, ittella' l-musical 'Jisimni Katarina' l-ewwel darba fuq iz-zuntier tal-knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. Dan il-Musical, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fiż-Żurrieq, ittellà għar-raba' darba konsekuttiva (April 1997, Novembru 1997, Novembru 2002 u Ġunju 2005). Dan il-musical produzzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti, jeċċella u jispikka fih it-talent u l-kapaċitajiet taż-Żrieraq, fejn ħarġet tant l-imħabba lejn il-Patruna ta' raħalna. Oriġinarjament, id-dramm li fuqu hu msejjes dan il-musical inkiteb mill-pinna ta' Mons. Profs. Żurrieqi Pietru Pawl Saydon, devot kbir ta' Santa Katarina V.M.

Is-Sibt 17 ta' Lulju 1971 (35 sena ilu) is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. għaddiet mill-ikraħ mumenti fl-istorja tagħha. Is-Soċjetà bkiet it-telfa traġika ta' l-Assistent Segretarju Ġużeppi Sammut u ħuh Karmenu Sammut. Dan meta splużjoni li għeżżet iż-Żurrieq ġarrfet il-kamra tan-nar tas-Soċjetà bil-konsegwenza li ħalliet warajha dawn iż-żewġ vittmi. Il-funeral tagħhom sar l-għada l-Ħadd fejn il-Banda Santa Katarina V.M. wasslithom bid-daqq ta' marċi funebri minn Triq Dun Ġużepp Żammit sal-Knisja Arċipretali fejn ġiet iċċelebrata quddiesa kantata bil-vuċijiet.

Fi Triq Ħal Far, is-Soċjetà ħadet ħsieb tpoġġi lapida kommemorattiva b'tifkira ta' 4 minn uliedha li mietu bin-nar tal-festa; l-aħwa Sammut u Salvu Bugeja u Anġlu Camilleri li mietu fil-21 t'Awissu 1962 u fit-2 ta' Settembru 1978 rispettivament.

# Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*



Għeżież qarrejja, reġgħu għaddew tliet xhur oħra. Nispera li kulħadd jinsab tajjeb. F'dawn it-tliet xhur li għaddew fost l-attivitajiet li kellna fil-Każin kellna wkoll il-Film, fejn kellna attendenza sabiħa ta' tfal u ġenituri. F'April kellna l-ħarġa kulturali fejn ukoll kien hemm attendenza sabiħa ħafna, u kull min ġie qalilna biex nerġgħu norganizzaw aktar ħarġiet bħal dawn. F'isem sħabi nixtieq nirringrazzja lil Fr.John Curmi għat-tagħrif interessanti li kellu għalina. Nirringrazzjakom tal-kuraġġ li qed tagħmlulna biex inkomplu norganizzaw attivitajiet bħal dawn.

Dawn huma l-attivitajiet tagħna għal dawn it-tliet xhur. Il-Ħamis 11 ta' Mejju fis-7.00pm – High Tea fil-Każin. L-Erbgħa 31 ta' Mejju fid-9.00am – Coffee Morning il-Koppla Restaurant.

L-Erbgħa 8 ta' Ġunju fid-9.00am – Coffee Morning il-Każin.

Il-Ħamis 15 ta' Ġunju fis-7.00pm – High Tea il-Każin. Inħeġġukom taddendu għall-attivitajiet kif dejjem għamiltu. Grazzi u saħħa.

*Ħarġa Kulturali mal-Kappelli ddedikati lil Santa Katarina V.M.*







# Għalikom it-Tfal *- Anna Maria*

Kif intom tfal? Nispera li tinsabu tajbin u li qed tippreparaw għall-eżamijiet li dalwaqt jaslu magħna. Taqtgħux qalbkom u ftakru li wara l-istudju hemm jistenniekom sajf mimli attivitajiet, speċjalment dawk marbutin mal-Festa l-Kbira tagħna f'ġieħ Santa Katarina ta' Lixandra.




Din is-sena s-Soċjetà tagħna qed tfakkar il-ħamsin annversarju tal-Planċier Artistiku tagħha li kien inawgurat fis-26 t'Awissu 1956. Tistgħu timmaġinaw il-ferħ li kellhom iż-Żrieraq dak inhar li żżanżan il-planċier. Dak inhar sar programm speċjali mill-Banda Santa Katarina V.M. taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro Espedito Deguara. Kien mistieden il-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laylock, l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru Dom Mintoff, bosta membri parlamentari, l-Arċipriet u l-qassisin tal-parroċċa, il-membri tas-Soċjetà u ammiraturi oħra. Il-planċier tal-banda tagħna huwa wieħed uniku f'Malta, u għalkemm għandu bosta snin, għadu l-aqwa wieħed fil-gżejjer Maltin. Dan il-planċier inħadem b'dedikazzjoni kbira mill-membri tas-soċjetà fil-każin stess. Din is-sena se nfakkru din il-ħidma ħabrieka tagħhom b'mod speċjali, u se nifirħu flimkien mal-Banda Santa Katarina V.M. u ma' l-ammiraturi kollha tal-festa tagħna.

Din id-darba, bħala kompetizzjoni, nixtieqkom tibagħtuli tpinġijiet dwar il-planċier, ngħidu aħna xeni tal-festi li saru meta żżanżan.

Ibagħtu t-tpenġijiet tagħkom, flimkien ma' isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon, f'dan l-indirizz: ***Kompetizzjoni tat-Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.***

Saħħa tfal, u oqogħdu bilgħaqal!

# Sotto Kumitat tan-Nar

Insellmulkom u se niktbulkom dawn il-kelmtejn biex ninfurmawkom b'xi avvenimenti li ġraw f'dawn l-aħħar tliet xhur u x'se nagħmlu fit-tliet xhur li ġejjin f'dak li jirrigwardja s-Sezzjoni Dilettanti tan-Nar.

Kif tafu, għat-tielet sena konsekuttiva, ħadna sehem fl-Esibizzjoni Piroteknika li ssir ġewwa l-Port il-kbir. Ħadna sehem bi ftuħ tal-beraq u b'xi murtali tal-kulur. F'din l-esibizzjoni għollejna l-isem tal-festa tagħna u hawnhekk se nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil kull min ħadem in-nar għal din l-okkażjoni. Rigward ix-xogħol tan-nar li għandna għall-festa, miexi b'ritmu mgħaġġel, grazzi għal dawk il-voluntiera li qed jagħtu daqqa t'id siewja kuljum fix-xogħol. Nixtiequ wkoll insemmu l-grupp tan-nar ta' l-art li kull sena qed jibdlu xi affarijiet mill-irdieden l-antiki filwaqt li jagħmlu oħrajn ġodda, biex kull sena, ġewwa Pjazza Mattia Preti, ikun hemm xi ħaġa ġdida xi nżanżnu.

Min hu midħla tal-Każin jaf ukoll li din is-sena s-Sotto Kumitat tagħna reġa' ħaseb biex jinvesti f'aktar apparat u materjal biex inħaffu x-xogħol tal-kulur u fl-istess ħin innaqsu ftit mill-periklu. Dawn l-affarijiet kollha jqumu l-flus, għalhekk ser inħeġġeġ aktar il-partitarji u l-benefatturi biex ikunu aktar ġenerużi fl-offerti tagħhom. Ma ninsewx ukoll li din is-sena l-Post tan-Nar tagħna se jagħlaq tletin sena



mill-inawgurazzjoni tiegħu u għalhekk xi naqra spiża aktar fil-materjal tan-nar għandna wkoll.

Il-'country nights' komplew isiru ta' kull xahar b'kantanti stabbiliti, u navżakom ukoll li f'Mejju se jkollna żewġ okkażjonijiet fejn se niltaqgħu, wieħed fis-6 ta' Mejju, u l-ieħor fis-27 ta' Mejju. Inħeġġiġkom ukoll tattendu għall-attività li se nagħmlu f'Ġunju, b'koperazzjoni mas-Sotto Kumitat Armar, ġewwa l-Garden of Eden. Il-konkorrenza tagħkom tgħinna ntaffu ftit mill-ispiża fenomenali li kull sena qed ikollna biex insebbħu aktar il-Festa Titulari ta' Santa Katarina V.M.

Nirringrazzjakom bil-quddiem ta' l-appoġġ li dejjem turu magħna d-dilettanti tan-nar.
Grazzi.



**Il-Mulej sejħilhom biex jidħlu fil-Ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem**

| | |
|---|---|
| Il-Membru Anna Chetcuti | 6.3.2006 |
| Il-Membru Emanuela Cachia | 24.3.2006 |
| Il-Membru Onor. | |
| Emanuel Sammut | 26.4.2006 |

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



**Avviżi**

Kunċerti tal-Banda qed ikunu kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm. is-sena kollha.

**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.45a.m. – Mro. Francis Falzon – Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Ħamis mill-4.30pm sas-6.45pm – Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram

# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

***Nhar il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2006***, il-Banda Santa Katarina se tagħmel servizz ta' marċ u programm fil-festa ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Is-servizz jibda fis-6.30pm fejn wara tagħmel programm fuq il-planċier tal-Banda 12th May.

***Nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2006*** il-Banda Santa Katarina se tagħmel servizz ta' marċ fil-festa ta' Santa Katarina V.M. ġewwa ż-Żejtun. Il-marċ jibda fis-6.30pm, u jkompli jakkompanja mal-purċissjoni ta' Santa Katarina V.M. b'daqq ta' innijiet sbieħ.

***Nhar it-Tnejn 26 ta' Ġunju 2006*** il-Banda Santa Katarina se tagħmel servizz ta' marċ ġewwa tas-Sliema fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuore. Fit-8.00pm il-banda tilqa' l-Madonna u twassalha sal-knisja b'daqq ta' innijiet Marjani, fejn wara tkompli bis-soltu marċ mat-toroq tas-Sliema.

***Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju 2006***, il-Banda Santa Katarina tagħmel marċ ġewwa Ħal Kirkop fil-festa ta' San Ġużepp. Il-marċ jibda' fid-9.00pm.

***Nhar il-Ħadd 9 ta' Lulju 2006***, il-Banda Santa Katarina tagħmel servizz ta' marċ u programm fil-festa ta' Marija Annunzjata ġewwa Ħal Balzan. Il-marċ jibda' fis-7.30pm fejn takkumpanja l-ewwel parti tal-purċissjoni, u wara tagħmel programm fuq il-planċier tal-Banda Marija Annunzjata.



**PROSIT KBIRA LIS-SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI GĦAS-SUĊĊESS TAS-SERATA MUŻIKO LETTERARJALI TTELLGĦET ĠEWWA PALAZZ ALEXANDRIA FIT-22 T'APRIL 2006 *"DAN IT-TEMPJU MBIEREK F'ISMEK"* TIFKIRA TAL-275 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA TAŻ-ŻURRIEQ AD UNUR SANTA KATARINA V.M.**

**PROSIT LIL KULL MIN TA SEHMU, SPEĊJALMENT IS-SUR ANTHONY MANGION TAD-DISKORS INFORMATTIV U NTERESSANTI, KIF UKOLL LILL-PICCOLA BANDA MMEXXIJA MIS-SURMAST FRANCIS FALZON.**

***PROSIT U GRAZZI LIL KULĦADD...***

# Nota Amministrattiva

*mis-Sur Josef Cachia, Segretarju tas-Soċjetà*

Matul dawn it-tliet xhur li ġejjin, il-Kumitat ċentrali flimkien mas-Sezzjonijiet u s-Sotto Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà ser ikunu mpenjati bit-twettiq ta' diversi xogħlijiet li tul ix-xhur li għaddew kienu għaddejjin il-preparamenti tagħhom. Fost dawn m'hemmx dubju li wieħed irid isemmi l-attivitajiet li ser ikunu marbuta mat-tifkira tal-50 Anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Planċier Artistiku li kien ġie nawgurat fis-26 t' Awissu 1956.

Il-Kumitat Ċentrali matul din is-sena ħass li fost is-sotto kumitati eżistenti, għandu jitwaqqaf is-Sotto Kumitat tal-Kultura sabiex jieħu ħsieb diversi attivitajiet kulturali tas-Soċjetà. Bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu dan is-sotto kumitat matul din is-sena ser ikun qed jieħu ħsieb jorganizza l-attivitajiet u pubblikazzjonijiet marbuta ma' l-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-planċier. Is-Sotto Kumitat li huwa fdat f'idejn iż-żewġ membri tal-Kumitat is-Sinjuri Chris Cini u Samwel Mercieca bħala Chairperson u Segretarju rispettivament, huwa fformat ukoll mill-Chev. Lorrie Collins O.S.J. u mis-Sinjuri Cettina Camilleri, Joe Demicoli, Annalise Farrugia, Fawstina Sammut u George Sammut.

Minbarra l-okkażjoni tal-Planċier, matul din is-sena qed niċċelebraw ukoll it-tifkira tal-275 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Matriċi w Arċipretali ddedikata lill-Santa Katarina ta' Lixandra. Għal dan il-għan is-Soċjetà wkoll fakkret dan l-avveniment b'serata mużiko-letterarja li saret nhar is-Sibt 22 t'April 2006 fil-Każin tas-Soċjetà.

Nixtieq inpoġġi għall-attenzjoni tagħkom il-membri li l-CD ta' l-Oratorju Santa Katarina ta' Lixandra jinsab għall-bejgħ mill-Bar tal-Każin għall-prezz ta' Lm5.00 (2CDs). F'dan issibu il-ħmistax-il silta (Live) li ġew preżentati fid-19 ta' Novembru 2005 fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' l-1700 Sena mill-Martiju ta' Santa Katarina ta' Lixandra

Irrid nieħu din l-opportunità sabiex f'isem il-Kumitat nirringrazzja lilkom il-membri kif ukoll benefatturi oħra miż-Żurrieq tal-kontribut kbir li sibna fil-ġabra li saret nhar il-Ħadd 30 t'April 2006 fit-toroq taż-Żurrieq b'risq il-Festa. Dan ikompli jimlina bil-kuraġġ sabiex dejjem inkomplu nħarsu 'l quddiem fil-proġetti li s-Soċjetà tagħna dejjem kienet impenjata li twettaq.





# Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*

Għeżież partitarji,

Iż-żmien dejjem għaddej u ma jistenna lil ħadd. Kif tistgħu taraw minn din il-gazzetta u ta' qabilha, ix-xogħol dejjem għaddej b'ritmu mgħaġġel f'kull qasam tas-soċjetà, soċjetà ferm dinamika u teħtieġ enerġija kbira. F'dawn it-tliet xhur li ġejjin ix-xogħol jibda aktar jingħaqad biex nippreparaw għall-unika festa titulari fiż-Żurrieq, dik iddedikata lill-patruna tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.



*Is-Sala Espedito Deguara armata għall-'Easter Early Buffet Breakfast'*

Ma nistax ninsa nsemmi x-xogħol u l-attivitajiet kollha li saru s'issa biex stajna jkollna l-flus biex inkomplu x-xogħol. Nirringrazzja f'isem is-Sotto Kumitat Armar lil min kien b'xi mod jew ieħor involut. Dawn li ġejjin huma l-attivitajiet tat-tliet xhur li ġejjin.

***Fid-29 ta' Ġunju 2006*** – BBQ kbir ġewwa l-Garden of Eden, fejn se jkollna ħafna kantanti mistednin.

***Fl-24 ta' Lulju 2006*** – Ġurnata Splash and Fun Park minn filgħodu, u filgħaxija ikla fil-post. Iktar dettalji ta' dawn l-attivitajiet ikunu 'l quddiem f'posters apposta.

- Bħala xogħol għadna għaddejjin fuq xi xogħol tal-kostruzzjoni fil-maħżen il-ġdid tas-soċjetà, kif ukoll fuq manutenzjoni, tindif u xogħol ieħor ta' rutina. Infakkru li dan hu post ġdid, u jieħu ftit taż-żmien biex torganizza l-armar kollu, għalhekk nitolbu l-għajnuna mingħand min jixtieq joffriha.
- Qed ikompli x-xogħol ukoll ta' manutenzjoni fuq il-pilandri tas-Siġar ta' quddiem il-knisja.
- Għaddejjin il-kuntatti mas-Sur Michael Camilleri Cauchi – nisperaw li ma jerġax jiddeludina rigward l-istatwi tal-pedestall il-ġdid. Bniedem li xejn ma tista' tafdah!
- Ingħatat manutenzjoni kompluta lill-planċier meravilja, infakkrukom li din is-sena jagħlaq 50 sena minn mindu ġie inawgurat, u b'hekk ingħata dehra mill-isbaħ għal din l-okkażjoni.
- Se jsir xi xogħol ieħor ta' tisbiħ u manutenzjoni fuq il-high-up tas-soċjetà.
- Infakkru wkoll li kull nhar ta' Ġimgħa qed tittella' function għat-turisti, function li qed tmur tajjeb ħafna u tinkludi l-kantanti Martin Elvis u Enzo Gusman.
- Dalwaqt se tibda lotterija madwar ir-raħal taż-Żurrieq, fejn il-premju hu kwadru mill-isbaħ, replika fotografika fuq it-tila tat-titular ta' Santa Katarina, kapolavur ta' Mattia Preti.

Kif qed taraw għalkemm mhux ċentinarju, xorta waħda hi sena mpenjattiva ferm, għax aħna jkollna festa kbira ta' kull sena. B'hekk inħeġġiġkom għeżież membri, ejjew idħlu magħna fis-soċjetà fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet. Ejjew intom u ħeġġu lil ħaddieħor. Kun kburi inti wkoll li tkun parti minn din l-akbar soċjetà bl-iktar storja antika u meraviljuża. Tħallux it-talenti tagħkom moħbija, iżda ejjew offruhom mill-qalb lill-patruna tagħna Santa Katarina. Nitolbuha dejjem biex iżżomm idejha fuqna u tberikna għal dejjem.

**VIVA SANTA KATARINA**
**PATRUNA TITULARI TAŻ-ŻURRIEQ.**



***L-Ewwel Planċier artistiku fiż-Żurrieq 1956 - 2006***
***50 Sena***
***Bik aħna Kburin għax int l-għira tal-Maltin!***





# Santa Katarina fil-Letteratura u fil-Mużika 'Katarina ta' Lixandra'

***tas-Surmast Patri Anton Briffa OFM (Kap) - Kantata f'Ħames Movimenti (fi stil Biżantin) - Sopran u Tenur Solista flimkien ma' Kor ta' tmien vuċijiet (doppio coro) - Kantata taċ-Ċentinarju mill-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra***

Is-sena li għaddiet ġiet imfakkra l-okkażjoni tal-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra, qaddisa patruna tal-parroċċi taż-Żurrieq u ż-Żejtun. Għalhekk ġew imħejjija programmi ta' festi mifruxa fuq perjodu ta' sena. Il-parroċċa taż-Żurrieq ikkummisjonat lil P.Anton Briffa, Żurrieqi, biex imexxi akkademja mużiko-letterarja li fiha ndaqqet mużika tal-maestri di cappella li ħadmu matul is-snin f'din il-parroċċa (fost l-oħrajn Dr.Paolo Nani, Giuseppe Malfiggiani, P.Ġużepp Spiteri Fremond, Ferdinandu Camilleri, u P.Anton Briffa).

Għal din l-okkażjoni P.Anton kiteb cantata fi stil Biżantin. Huwa ġie mnebbaħ mill-fatt li l-istess qaddisa u d-devozzjoni lejha ġiet mill-knisja tal-Lvant. It-test letterarju nħadem mal-Papas Vito Borghia, Kap tal-Knisja tal-Griegi f'Malta; li ġentilment għamel traduzzjoni mill-Grieg tat-testi li jintużaw fil-liturġija tal-festa tal-25 ta' Novembru. L-istesura finali ġiet mitkellma u emendata fuq parir ta' Mons. George Mifsud Montanaro Arkimandrita tal-Knisja tal-Lvant. Dan it-test huwa mibni fuq teoloġija-Kristoloġija, simboli, u karatteristiċi oħra tipikament tal-Knisja tar-Rit Biżantin.

Il-mużika wkoll hija prodott ta' kultura tipikament tal-Lvant. It-test jitkanta fuq salmodija libera jew test reċitat. Il-'bel canto' li nsibu fil-mużika reliġjuża tal-Punent huwa nieqes għal kollox. L-istil fugat u 'a cappella' huwa fl-aqwa tiegħu. Il-kadenzi finali ripetuti joħolqu sensazzjoni partikulari; xi ħaġa li fir-rit Ruman ma nsibuhomx. Il-proċediment armoniku-melodiku jersaq aktar lejn il-mużika modali milli lejn dik tonali. Il-ferħ u n-niket huma elementi qawwija bħalma huwa l-kuntrast ta' bejniethom. Is-sens ta' ferħ jinbet mit-tama ta' ħajja aħjar fis-sema, waqt li n-niket frott ta' knisja ppersegwitata anke wara l-epoka tal-katakombi. Dan kollu joħloq stil ta' mużika differenti minn dik li aħna soltu mdorrijin biha.

Fl-akkademja tat-30 t'Awissu tkantaw l-ewwel u l-aħħar moviment u parti mit-tielet moviment. Minħabba l-preżenza ta' l-orkestra u peress li l-kantanti tagħna m'humiex midħla tal-liturġija orjentali, kellu jsir arranġament orkestrali biex jgħin il-vuċijiet. Is-silta mit-tielet moviment biss tkantat 'a cappella'. Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi kellu jsir ukoll arranġament biex il-kor ikanta b'erba' minflok tmien vuċijiet.

Dan ix-xogħol intlaqa' tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti, minkejja ċerti ħasdiet u sorpriżi. Ħafna nħasdu meta s-solista jdur lejn l-udjenza u jistaqsiha: 'Min hi din ix-xebba li tinsab fuq fomm kulħadd?' U komplew aktar jinħasdu bl-akklamazzjoni ta' ferħ min-naħa tal-kor bir-risposta 'KATARINA, KATARINA, KATARINA'.

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Ħa tifraħ il-knisja kollha***
***Fil-jum li fih infakkru b'tant għożża***
***Il-ġrajja tal-martirju tax-xebba minn Lixandra.***

***Min hi din ix-xebba li tinsab fuq fomm kulħadd?***

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Hija tgħarrset ma' tfajjel min-Nażaret***
***Li miet imdendel mas-salib***
***W urietna min hu Kristu***
***Bil-kelma tiegħu, il-Mulej ħanin.***

***L-għerf li ħaddnet hu għerf tas-sema***
***'Il fuq mill-għerf tad-dinja Griega***
***Lilhom fxilt bit-tagħlim ġdid tiegħu***
***Int mexxejja ta' l-għorrief.***

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Xerridt, sa l-aħħar qatra, demmek***
***Bħala xhieda għal dak li ħabbejt, u fih emmint***
***Fik tidher il-qlubija tal-martri qatt megħluba***
***Samma daqs blata żonqrija qatigħ.***

***"Lilek, Għarus ta' qalbi", ngħajjat b'vuċi għolja***
***Ma waqaftx infittxek sa ma sibtek***
***Bl-istess magħmudija tiegħek irrid ninħasel***
***Miegħek irrid nissallab u nindifen.***

***Miegħek inbati, ħalli miegħek insaltan***
***Għalik se mmut, biex nista' miegħek ngħix.***
***Issa lqagħni bħala ostja safja***
***Li se tingħata b'offerta fuq l-artal.***

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Inti kewkba tiddi fil-għoli tas-sema***
***Bid-dawl tiegħek tħabbar sebħ ix-xemx***
***Isellimlek il-ħolqien minn nisel għal nisel***
***Għalik is-sema u l-art b'leħen wieħed ikantaw.***

***Int ta' Lixandra l-ogħla glorja***
***Palma tħaddar f'deżert bil-għatx***
***Nissilt b'ħajtek żerriegħa ġdida***
***Xmara li b'demmek saqqejt l-art.***

***Nifirħu aħna mal-ħlejjaq kollha***
***B'ħalq miftuħ ħeraħ, mistgħaġba, nħarsu lejk***
***Idħol għalina quddiem il-ħanin Alla***
***Biex miegħek, anke aħna ngawduh.***

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Aħna u nfakkru din il-ġrajja tal-martirju***
***Lilu, bla qatt nieqfu, ġieħ nagħtuH***
***Għax kien FIH, u BIH, u MIEGĦU***
***Li int flaħt tbati s-salib.***

***B'kuruna tar-rebħ, issa rasek imżejna***
***Qablek libisha bin il-mastrudaxxa***
***Bin Marija li sar bniedem biex jifdina***
***Glorja għal dejjem, Lilu, Sinjur u Salvatur.***

***KATARINA, KATARINA, KATARINA.***
***Glorja lill-Missier, Glorja lill-Iben,***
***Glorja lill-Ispirtu s-Santu;***
***Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,***
***U jibqa' għal dejjem ta' dejjem.***
***Hallelujah! Hallelujah! Hallelujah! Amen.***

Design & Printing: Tel: 21250994/3